II

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

IL-KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-10 ta' Diċembru 2008

dwar l-Għajnuna mill-istat Nru C 52/06 (ex NN 73/06, ex N 340/06) parzjalment implimentata mill-Polonja għal Odlewnia Żeliwa Śrem S.A.

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 7049)

(It-test Pollakk biss huwa awtentiku)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/523/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 88(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li talbet lill-partijiet interessati jissottomettu l-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjonijiet ċitati hawn fuq,

Billi:

I. PROĊEDURA

(1) Fl-1 ta' Ġunju 2006 l-awtoritajiet Pollakki nnotifikaw l-għajnuna għar-ristrutturar li ngħatat lil Odlewnia Żeliwa "Śrem" (minn hawn 'il quddiem "Odlewnia Śrem") prinċipalment fil-forma ta' arranġamenti sabiex l-obbligazzjonijiet pubbliċi jitħallsu f'pagamenti parzjali. Instab li xi whud mill-miżuri ta' għajnuna kienu ngħataw wara l-adeżjoni mingħajr l-approvazzjoni tal-Kummissjoni. Għalhekk ġew ikkunsidrati bħala għajnuna illegali.

(2) Permezz tal-ittra tas-6 ta' Diċembru 2006, il-Kummissjoni infurmat lill-Polonja li ħadet deċiżjoni li tibda l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 88(2) tat-Trattat KE fir-rigward ta' dawk il-miżuri.

(3) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tibda l-proċeduri skont l-Artikolu 88(2) tat-Trattat KE ġiet ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom dwar l-għajnuna proposta.

(4) Fil-31 ta' Jannar 2007 l-awtoritajiet Pollakki ssottomettew il-kummenti tagħhom dwar il-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni. Ma waslux kummenti minn partijiet terzi.

(5) Fil-15 ta' April 2008 il-Kummissjoni bagħtet talba għal aktar informazzjoni lill-awtoritajiet Pollakki.

(6) Fit-30 ta' April 2008 l-awtoritajiet Pollakki wieġbu jinformaw lill-Kummissjoni dwar l-irtirar tal-miżuri ppjanati. Madankollu, il-Kummissjoni ma setgħetx taċċetta dan bħala rtirar skont l-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 659/99 ([1]), minħabba li, fil-fatt, id-diferiment tal-ħlas tad-dejn diġà implimentat kellu effett fuq il-benefiċjarju, billi ngħata vantaġġ evidenti fuq kumpaniji oħra li ħallsu l-obbligazzjonijiet pubbliċi tagħhom fil-ħin.

([1]) ĠU L 83, 27.3.1999, p.1.

II. **DESKRIZZJONI TAL-BENEFIĊJARJU U R-RISTRUTTURAR**

Beneficjarju

(7) Odlewnia Śrem bdiet il-produzzjoni fl-1968. Din tipproduċi l-aktar ħadid fondut għall-industrija tal-bini tal-vapuri. Il-privatizzazzjoni tal-kumpanija bdiet fl-1999, meta t-Teżor tal-Istat biegħ 85 % tal-ishma tiegħu lil CENTROZAP (44,9 %), BANK PEKAO (25,1 %) u lill-impjegati (15 %). Waħda mir-raġunijiet għalfejn is-sitwazzjoni tal-beneficjarju ddeterjorat kienet is-sitwazzjoni finanzjarja diffiċli tal-azzjonista prinċipali, CENTROZAP, li f'ċertu punt kellu 71,4 % tal-ishma ta' Odlewnia Śrem. Preżentament Odlewnia Śrem hija l-proprjetà ta' PIOMA-ODLEWNIA, li għandha 85,1 % tal-ishma. Skont l-awtoritajiet Pollakki, Odlewnia Śrem għandha sehem ta' 6-8 % mis-suq tal-ħadid fondut Pollakk. Hija bbażata f'reġjun li huwa eliġibbli għall-għajnuna reġjonali skont l-Artikolu 87(3)(a) tat-Trattat KE.

Proċedura nazzjonali

(8) Il-proċess tar-ristrutturar ta' Odlewnia Śrem beda fl-2003. Fl-2004 l-ewwel programm tar-ristrutturar ġie ppreparat, u ġie approvat mill-President tal-Aġenzija għall-Iżvilupp Industrijali (ARP).

(9) Skont l-awtoritajiet Pollakki l-kumpanija riedet tieħu vantaġġ mill-opportunità maħluqa permezz tal-emenda tal-Att tat-30 ta' Ottubru 2002 dwar l-għajnuna mill-Istat għall-intrapriżi ta' sinifikat speċjali għas-suq taxxogħol li wessgħet l-iskop għat-tħassir tal-obbligazzjonijiet pubbliċi (Kapitolu 5a), iżda imponiet rekwiżiti addizzjonali fuq il-kumpanija, bħall-identifikazzjoni ta' parti mill-assi tagħha biex jiġu trasferiti lil Operatur indipendenti. L-Operatur kellu jkun kumpanijia fil-pussess sħiħ tal-ARP jew it-Teżor tal-Istat. Id-dħul mill-bejgħ ta' dawn l-assi mill-Operatur kellu jmur biex ikopri parti mill-obbligazzjonijiet pubbliċi tal-kumpanija li qed tiġi ristrutturata, u l-bqija kellhom jiġu mħassra meta r-ristrutturar ikun ġie konkluż. Fid-19 ta' Marzu 2006 għalqet iskadenza għat-tlestija tal-proċedura tar-ristrutturar skont il-Kapitolu 5a tal-Att tad-19 ta' Marzu 2006, mingħajr ma sar l-bejgħ tal-assi mill-Operatur. Madankollu, il-President tal-ARP, f'deċiżjoni tas-27 ta' Ġunju 2006, iddikjara li r-ristrutturar kien ġie konkluż minħabba li Odlewnia Śrem kienet irkuprat il-vijabbiltà tagħha u dak li kien baqa' sabiex ir-ristrutturar jiġi konkluż bis-sħiħ kien il-kunsens tal-Kummissjoni għall-arranġament li jippermetti lill-kumpanija tħallas l-obbligazzjonijiet pubbliċi tagħha b'pagamenti parzjali. Wara t-tmiem insodisfaċenti tal-proċedura tal-Kapitolu 5a, il-kumpanija kkuntattjat lill-ħames krediturі pubbliċi tagħha biex titlobbhom jiddifferixxu l-iskadenzi tal-ħlas għall-obbligazzjonijiet tagħha fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet ġeneralment aktar applikabbli tal-liġi tat-taxxa, li kienet anqas vantaġġjuża għalihom mill-arranġament stipulat fil-Kapitolu 5a.

Ir-ristrutturar

(10) Skont l-awtoritajiet Pollakki, l-ispejjeż tar-ristrutturar jammontaw għal PLN 43,6 miljuni. L-ispejjeż finanzjarji tar-ristrutturar jammontaw għal madwar 75 % tal-ispejjeż totali tar-ristrutturar, il-bqija huma spejjeż relatati mal-modernizzazzjoni tal-infrastruttura tal-kumpanija.

(11) Il-pjan tar-ristrutturar jiffoka, l-ewwelnett, fuq il-modernizzazzjoni tal-post tal-produzzjoni u l-investiment fit-titjib tal-kwalità tal-amministrazzjoni tal-kumpanija (pereżempju permezz tal-introduzzjoni tas-sistema informatika SAP R/3 bħala l-għodda prinċipali tal-IT ta' Odlewnia Śrem).

(12) Fit-tieni lok, parti kbira mir-ristrutturar tikkonsisti minn ristrutturar finanzjarju, jiġifieri prinċipalment arranġamenti għall-ħlas parzjali u t-tħassir tal-obbligazzjonijiet pubbliċi. Ġie miftiehem ukoll tħassir parzjali tal-obbligazzjonijiet ċivili li jammontaw għal PLN 1,4 miljuni permezz ta' ftehim ta' kompożizzjoni mal-krediturі ffirmat fis-17 ta' Mejju 2005.

(13) Fit-tielet lok, fl-2005 il-kumpanija naqqset in-numru tal-impjegati tagħha għal 1 457, minn 1 776 fl-2002, u ma kellhiex pjanijiet għal aktar ristrutturar fil-qasam tal-impjiegi. Madankollu, il-Polonja argumentat li s-sospensjoni temporanja tal-applikazzjoni tal-Ftehim ta' Negozjar Kollettiv tal-Kumpanija tikkostitwixxi tnaqqis fl-ispejjeż tal-impjiegi peress li l-kumpanija temporanjament ma kinetx qed tħallas kontributi lill-Fond tal-Benefiċċji Soċjali tal-Kumpanija.

(14) Ir-ristrutturar tal-assi jikkonsisti fil-kiri tal-assi mhux relatati mal-produzzjoni, bħal lukanda (Ośrodek Wypoczynkowy f'Ostrowieczno) u faċilitajiet oħra għal prezz totali ta' PLN 0,4 miljuni. Il-bejgħ ta' aktar assi li għandhom valur ta' madwar PLN 2,6 miljuni huwa ppjanat wkoll iżda għadu ma ġiex iffinalizzat.

(15) Qabel ma l-Kummissjoni bdiet il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 88(2) tat-Trattat KE, kienet ġiet infurmata li l-kumpanija kienet ilha tipprova ssib investitur ġdid mill-2003 u li l-awtoritajiet Pollakki kienu qed jenfasizzaw l-importanza tal-privatizzazzjoni għall-vijabbiltà fit-tul tal-kumpanija. Il-Polonja informat lill-Kummissjoni li l-mira kienet inkisbet meta nbiegħu 85,1 % tal-ishma ta' Odlewnia Śrem lill-kumpanija privata PIOMA-ODLEWNIA.

(16) Odlewnia Śrem naqqset il-kapaċità tal-produzzjoni tagħha minn 57 000 sa 55 000 tunnellata ta' ħadid fondut kull sena u ma tipprevedix aktar tnaqqis, u tiddikjara li dan kieku joħloq riskju għall-vijabbiltà tal-kumpanija. Il-Polonja pproponiet żewġ miżuri kompensatorji alternattivi. Fl-ewwel lok, il-kumpanja naqqset il-produzzjoni tagħha tal-ħadid fondut għall-fitings industrijali b'50 % (minn madwar 11 000 tunnellati għal 5 500 tunnellati). Fit-tieni lok, il-Polonja tiddikjara li l-kumpanija m'għandhiex tibqa tipproduċi ħadid fondut għall-impjanti tal-enerġija mir-riħ.

III. **DEĊIŻJONI LI TINBEDA L-PROĊEDURA SKONT L-ARTIKOLU 88(2) TAT-TRATTAT KE**

(17) Il-Kummissjoni ddeċidiet li tibda l-proċedura ta' investigazzjoni formali minħabba li kellha dubji dwar jekk l-għajnuna għar-ristrutturar kienetx kompatibbli mas-suq komuni. Id-dubji kienu bbażati fuq erba' fatturi.

(18) L-ewwel nett, il-Kummissjoni kellha dubji dwar jekk Odlewnia Śrem tistax titqies bħala "ditta kummerċjali f'diffikultà" skont it-tifsira tal-Linji Gwida Komunitarji dwar l-Għajnuniet mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi f'diffikultà ([1]) (minn hawn 'il quddiem "Linji Gwida tal-2004") u għalhekk hijiex eliġibbli għall-għajnuna għar-ristrutturar, minħabba li Odlewnia Śrem għamlet profit nett ta' PLN 3,9 miljuni fl-2005.

(19) It-tieni nett, il-Kummissjoni kellha dubji dwar jekk il-pjan ta' ristrutturar kienx kapaċi jirkupra l-vijabbiltà fit-tul tal-benefiċjarju, minħabba li dan jidher li kien qed jiffoka fuq il-manutenzjoni tad-dejn u l-irkupru tal-ispejjeż tal-operat u l-kumpanja dehret li kellha diffikultà ssib investitur privat.

(20) It-tielet nett, il-Kummissjoni kellha dubji dwar jekk l-għajnuna kinetx limitata għall-minimu neċessarju u jekk il-kontribut tad-ditta stess kienx sinifikanti u għoli kemm jista' jkun, b'mod partikolari minħabba li l-awtoritajiet Pollakki ma kienux ipprovdew xi pjanijiet ta' privatizzazzjoni konkreti, li taħthom il-kontribut tad-ditta stess kien ikun konsiderevolment akbar.

(21) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni kellha dubji dwar il-miżuri kompensatorji, minħabba li l-Polonja ma kienitx ippruvat li t-tnaqqis fil-produzzjoni msemmi f'din il-premessa 16 kienu fil-fatt miżuri kompensatorji u mhux biss ir-riżultat ta' fatturi esterni jew l-inkapaċità tal-kumpanija li tikkompeti fuq is-swieq rilevanti.

IV. **KUMMENTI TAL-PARTIJIET**

(22) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti biss mill-Polonja.

Kummenti tal-awtoritajiet Pollakki

Bidliet fil-miżuri tal-għajnuna mill-Istat

(23) L-awtoritajiet Pollakki infurmaw lill-Kummissjoni dwar ċertu bidliet fl-għajnuna mogħtija wara l-adeżjoni, li issa għandha tkun ta' PLN 24,2 miljuni. It-tabella ta' hawn taħt tirriproduċi fil-qosor l-għajnuna għar-ristrutturar tal-Istat (għajnuna diġà implimentata u għajnuna ppjanata) li ngħatat lil Odlewnia Śrem kif notifikat mill-awtoritajiet Pollakki fil-kummenti tagħhom dwar il-bidu tal-proċedura ta' investigazzjoni.

(24) Il-valur nominali totali tal-għajnuna mill-Istat huwa ta' PLN 43,6 miljuni. Dawn il-miżuri jinkludu garanzijaÀ tal-Istat, self mogħti fuq termini preferenzjali, fondi diretti u diferimenti u tħassir ta' obbligazzjonijiet pubbliċi. Deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri tal-għajnuna mill-Istat hija ppreżentata fit-tabella hawn taħt (elementi ta' għajnuna kif indikati mill-awtoritajiet Pollakki).

Tabella 1

Għajnuna mill-Istat mogħtija diġà

A	B	C	D	E	F
Nru	Data preżumibbli tal-ftehim jew deċiżjoni	Awtorità tal-għotja	Forma tal-għajnuna	Valur nominali (PLN)	Ammont tal-għajnuna (PLN)
Għajnuna mill-Istat mogħtija qabel l-adeżjoni u mhux applikabbli wara l-adeżjoni					
1	19.3.2004	Sindku ta' Śrem	Tħassir tal-obbligazzjonijiet tat-taxxa fuq il-proprjetà immobbli (inkluż l-imgħax) għall-perjodu 1.3.2002 – 30.6.2002	738 748,02	738 748,02
2	19.3.2004	Sindku ta' Śrem	Tħassir tal-obbligazzjonijiet tat-taxxa	500 000,00	500 000,00
3	23.4.2004	ARP	Self	4 000 000,00	4 000 000,00
4	28.4.2004	ARP	Garanzija tal-kreditu	14 000 000,00	14 000 000,00
5	30.4.2004	Sindku ta' Śrem	Tħassir tal-imgħax fuq l-obbligazzjonijiet tat-taxxa	200 353,90	200 353,90
			Total	19 439 101,92	19 439 101,92

([1]) ĠU C 244, 1.10.2004, p. 2.

A	B	C	D	E	F
Nru	Data preżumibbli tal-ftehim jew deċiżjoni	Awtorità tal-għotja	Forma tal-għajnuna	Valur nominali (PLN)	Ammont tal-għajnuna (PLN)
Għajnuna mill-Istat mogħtija wara l-adeżjoni					
6	20.5.2004	Ministeru tax-Xjenza u tat-Teknoloġija tal-Informatika	Għotja	435 000,00	352 350,00
7	9.5.2005	ZUS (Istituzzjoni tal-Assigurazzjoni Soċjali)	Kontributi tas-sigurtà soċjali li jridu jitħallsu b'pagamenti parzjali (inkluż l-imgħax)	5 385 415,31	134 585,81
8	17.10.2005	Awtorità provinċjali	Diferiment tal-ħlas	855 438,78	105 369,44
9	It-tieni kwart tal-2007	Awtorità provinċjali	Tariffi ambjentali dovuti sat-30.6.2003 li jridu jitħallsu b'pagamenti parzjali	1 272 657,45	247 003,92
10	It-tieni kwart tal-2007	Awtorità provinċjali	Imgħax fuq it-tariffi ambjentali li jridu jitħallsu b'pagamenti parzjali (relatat mal-entratura hawn fuq)	692 185,03	126 365,78
11	It-tieni kwart tal-2007	Awtorità provinċjali	Tariffi ambjentali dovuti sat-30.6.2003 li jridu jitħallsu b'pagamenti parzjali	422 946,34	51 018,68
12	It-tieni kwart tal-2007	Awtorità provinċjali	Imgħax fuq it-tariffi ambjentali li jridu jitħallsu b'pagamenti parzjali (relatat mal-entratura hawn fuq)	274 950,10	33 167,04
13	It-tieni kwart tal-2007	Fond tal-Istat għar-Rijabilitazzjoni tan-Nies b'Diżabilità. (PFRON)	Kontributi tal-Fond tal-Istat għar-Rijabilitazzjoni tan-Nies b'Diżabilità (PFRON) dovuti sal-30.6.2003 li jridu jitħallsu b'pagamenti parzjali	803 221,50	148 274,11
14	It-tieni kwart tal-2007	Fond tal-Istat għar-Rijabilitazzjoni tan-Nies b'Diżabilità. (PFRON)	Tħassir tal-imgħax fuq il-kontributi lill- Fond tal-Istat għar-Rijabilitazzjoni tan-Nies b'Diżabilità (PFRON) dovuti sat-30.6.2003	421 085,20	421 085,20
15	It-tieni kwart tal-2007	Fond tal-Istat għar-Rijabilitazzjoni tan-Nies b'Diżabilità. (PFRON)	Kontributi lill-Fond tal-Istat għar-Rijabilitazzjoni tan-Nies b'Diżabilità (PFRON) għall-perjodu Lulju 2003 - Jannar 2004 li jridu jitħallsu f'20 pagamenti kull tlett xhur	479 156,60	155 721,64

A	B	C	D	E	F
Nru	Data preżumibbli tal-ftehim jew deċiżjoni	Awtorità tal-għotja	Forma tal-għajnuna	Valur nominali (PLN)	Ammont tal-għajnuna (PLN)
16	It-tieni kwart tal-2007	Fond tal-Istat għar-Rijabilitazzjoni tan-Nies b'Diżabilità. (PFRON)	Ħassir tal-imgħax fuq il-kontributi lill Fond tal-Istat għar-Rijabilitazzjoni tan-Nies b'Diżabilità (PFRON) għall-perjodu Lulju 2003 - Jannar 2004	38 392,87	38 392,87
17	It-tieni kwart tal-2007	Awtorità tad-distrett	Ħlasijiet ta' użufrutt perpetwu dovut sat-30.6.2003 li jrid jitħallas b'pagament parzjali	263 496,00	34 701,67
18	It-tieni kwart tal-2007	Awtorità tad-distrett	Ħassir tal-imgħax fuq il-ħlasijiet tal-użufrutt perpetwu dovut sat-30.6.2003 (relatat mal-entratura hawn fuq)	137 890,00	18 159,78
19	It-tieni kwart tal-2007	ZUS	Kontributi tas-sigurtà soċjali dovuti sat-30.6.2003 li jridu jitħallsu b'pagamenti parzjali	4 077 498,51	46 619,38
20	It-tieni kwart tal-2007	ZUS	Imgħax fuq il-kontributi tas-sigurtà soċjali dovuti sat-30.6.2003 li jridu jitħallsu b'pagamenti parzjali (relatat mal-entratura hawn fuq)	2 306 780,00	26 341,18
21	It-tieni kwart tal-2007	ZUS	Kontributi lill-Fond tax-Xogħol u l-Fond ta' Garanzija għall-Benefiċji tal-Impjegati dovuti sat-30.6.2003 li jridu jitħallsu b'pagamenti parzjali	1 275 873,09	28 618,42
22	It-tieni kwart tal-2007	ZUS	Imgħax fuq il-kontributi lill-Fond tax-Xogħol u l-Fond ta' Garanzija għall-Benefiċji tal-Impjegati dovuti sat-30.6.2003 li jridu jitħallsu b'pagamenti parzjali (relatat mal-entratura hawn fuq)	727 023,00	16 296,744
23	It-tieni kwart tal-2007	ZUS	Kontributi tas-sigurtà soċjali dovuti sat-30.6.2003 li jridu jitħallsu b'pagamenti parzjali	2 085 480,55	29 309,94

A	B	C	D	E	F
Nru	Data preżumibbli tal-ftehim jew deċiżjoni	Awtorità tal-għotja	Forma tal-għajnuna	Valur nominali (PLN)	Ammont tal-għajnuna (PLN)
24	It-tieni kwart tal-2007	ZUS	Imgħax fuq il-kontributi tas-sigurtà soċjali dovuti sat-30.6.2003 li jridu jitħallsu b'pagamenti parzjali (relatat mal-entratura hawn fuq)	1 100 260,00	15 463,36
25	It-tieni kwart tal-2007	ZUS	Tħassir tal-ispejjeż tal-infurzar relatat mal-ħlas tard tal-kontributi tas-sigurtà soċjali dovuti sat-30.6.2003	641 593,80	641 593,80
26	It-tieni kwart tal-2007	Fond Nazzjonali għall-Protezzjoni Ambjentali u l-Ġestjoni tal-Ilma (NFOSiGW)	Għotja	470 000,00	470 000,00
			Għajnuna mill-Istat mogħtija wara l-adeżjoni	24 166 344,12	3 140 438,76
			Total tal-għajnuna mill-Istat mogħtija u ppjanata	43 605 446,04	22 579 540,68

Kwistjonijiet oħrajn li qajmet il-Polonja fil-kummenti tagħha dwar il-ftuħ tal-proċedura tal-investigazzjoni

(25) L-ewwel nett, f'dak li għandu x'jaqsam mal-vijabbiltà tal-kumpanija, l-awtoritajiet Pollakki ddikkjaraw li r-ristrutturar kien suċċess, minħabba li Odlewnia Śrem irnexxielha ssib investitur strateġiku privat, li għandu jġib il-kapital meħtieġ u jippermetti lill-kumpanija tikseb mill-ġdid il-kredibilità fuq is-suq.

(26) Il-Polonja enfasizzat ukoll li l-kumpanija kienet iddiversifikat il-produzzjoni tagħha, b'attenzjoni akbar għal prodotti sofistikati ta' valur miżjud ogħla. Iċ-ċaqliq għall-produzzjoni ta' ħadid fondut b'piż ta' aktar minn 300 kg dehret bħala mossa tajba, minħabba li numru ta' kompetituri waqqfu l-produzzjoni f'dan is-settur tas-suq u b'hekk ipprovdew opportunità għal Odlewnia Śrem biex issir attiva fih.

(27) L-awtoritajiet Pollakki kkonfermaw li l-kumpanija m'għadx għandha problemi ta' likwidità u li l-obbligazzjonijiet tan-negozju kurrenti kollha tagħha tħallsu fil-ħin.

(28) It-tieni nett, il-Polonja argumentat li Odlewnia Śrem tista' titqies bħala "ditta f'diffikultà" skont it-tifsira tal-Linji Gwida tal-2004, u b'hekk hija eliġibbli għall-għajnuna għar-ristrutturar. L-awtoritajiet Pollakki kkonfermaw li l-perjodu tar-ristrutturar beda fl-2003, meta l-kumpanija kienet evidentement f'diffikultà. Il-fatt li Odlewnia Śrem għamlet profit ta' PLN 3,9 miljuni fl-2005 għandha tiġi kkunsidrata bħala sinjal li rkuprat il-vijabbiltà permezz tal-proċess ta' ristrutturar.

(29) Fit-tielet lok, il-Polonja pprovdiet aktar informazzjoni dwar il-kontribut tal-kumpanija lejn l-ispiża totalti tar-ristrutturar.

(30) Skont l-awtoritajiet Pollakki, il-benefiċjarju ta kontribut sinifikanti. L-ispejjeż tar-ristrutturar kienu ammontaw għal PLN 43,6 miljuni, waqt li s-sorsi tal-finanzjament għar-ristrutturar jistgħu jiġu kklassifikati bħala kontribut tiegħu stess għar-ristrutturar li jista' jiġi vvalutat għal PLN 23,7 miljuni, magħmul minn kapitali li ngħiebu mill-investitur privat (PLN 16-il miljun), id-dħul mill-bejgħ jew il-kiri tal-assi li sar (PLN 0.4 miljuni) u s-sospensjoni temporanja tal-applikazzjoni tal-Ftehim ta' Negozjar Kollettiv tal-Kumpanija (PLN 7.3 miljuni). Fir-rigward ta' dawn tal-aħħar, l-awtoritajiet Pollakki jargumentaw li dan jikkostitwixxi tnaqqis fl-ispiża tal-impjieg minħabba li Odlewnia Śrem hija temporanjament eżentata milli tħallas il-kontributi lill-Fond tal-Benefiċċji Soċjali tal-Kumpanija. Dan il-Fond kien ġie stabbilit minn Odlewnia Śrem u s-sindakati tagħha volontarjament, u mhuwiex rekwiżit tal-liġi. Għalhekk m'hemm l-ebda riżorsi tal-Istat involuti. Diġà ġie spjegat li d-deċiżjoni ttieħdet bi ftehim mas-sindakati, li qablu li jissagrifikaw parti mill-benefiċċji tal-impjegati biex jappoġġaw ir-ristrutturar. Għalhekk, il-miżura tista' titqies bħala kontribut tad-ditta stess.

(31) Barra minn hekk, il-Polonja reġgħet tenniet il-fehma tagħha li dak li ġej ukoll kien jikkostitwixxi kontribut tad-ditta stess għall-ispejjeż tar-ristrutturar:

— tħassir u arranġament għall-ħlas b'pagamenti parzjali tal-obbligazzjonijiet ċivili ta' PLN 2 miljuni taħt ftehim kompost iffirmat mal-krediturі ta' Odlewnia Śrem;

— krediti tal-kummerċ mogħtija mill-fornituri li jippermettu lil Odlewnia Śrem perjodu itwal mis-soltu li fih trid tħallas għall-materjali u s-servizzi, li l-Polonja tikkalkula għandhom valur ta' PLN 2.5 miljuni;

— riċevibbli mill-klijenti vvalutati għal PLN 9 miljuni (realizzati permezz tal-impożizzjoni ta' perjodi ta' ħlas iqsar fuq il-klijenti).

(32) Finalment, fir-rigward tar-rekwiżiti għal-limitazzjoni tad-distorsjoni tal-kompetizzjoni, l-awtoritajiet tal-Polonja jiċċitaw tnaqqis ta' 50 % fil-produzzjoni tal-kumpanija ta' ħadid fondut għall-fitings industrijali (minn madwar 11 000 tunnellati għal 5 500 tunnellata). Il-fatt li l-kumpanija waqfet il-produzzjoni tal-ħadid fondut għall-impjanti tal-enerġija mir-riħ għandha titqies bħala miżura kompensatorja valida.

(33) Il-Polonja qed targumenta li d-domanda għaż-żewġ tipi ta' prodotti kienet qed tiżdied f'dawn l-aħħar snin u din it-tendenza hija mistennija li tkompli. Il-Polonja enfasizzat ukoll li Odlewnia Śrem għandha l-kapaċità teknika li tipproduċi l-istess ammont bħal ta' qabel ir-ristrutturar, iżda għażlet li tillimita l-produzzjoni ta' ħadid fondut għall-fitings industrijali u twaqqaf kompletament il-produzzjoni ta' ħadid fontut għall-impjanti tal-enerġija mir-riħ. Għal din ir-raġuni, skont l-awtoritajiet Pollakki, dawn il-miżuri jistgħu jitqiesu bħala miżuri kompensatorji.

VALUTAZZJONI TAL-MIŻURI TAL-GĦAJNUNA

Klassifikazzjoni tal-prodott finali ta' Odlewnia Śrem

(34) Il-Kummissjoni kellha tivverifika jekk il-prodott finali ta' Odlewnia Śrem kienx tas-settur tal-azzar minħabba li, skont il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni għas-Salvataġġ u l-għajnuna għar-ristrutturar u l-għajnuna għall-għeluq għas-settur tal-azzar ([1]) "il-Kummissjoni tikkunsidra li l-għajnuna għas-salvataġġ u l-għajnuna għar-ristrutturar għad-ditti f'diffikultà fis-settur tal-azzar kif definiti fl-Anness B tal-kwadru multisettorali mhumiex kompatibbli mas-suq komuni."

(35) L-Anness B għall-kwadru Multisettorali fuq l-għajnuna reġjonali għall-proġetti kbar ta' investiment ([2]) (kwadru multisettorali), li kien applikabbli meta l-għajnuna ngħatat, jirreferi għall-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda ([3]) (NM) għall-prodotti li huma meqjusin bħala azzar. Dawn il-prodotti huma elenkati fiż-żewġ kapitoli tan-NM, jiġifieri fil-Kapitolu 72 ("Ħadid u azzar") u l-Kapitolu 73 ("Oġġetti ta' ħadid jew azzar").

(36) Skont l-Anness B għall-kwadru multisettorali, l-oġġetti tal-ħadid jew tal-azzar li ġejjin għandhom jitqiesu bħala azzar:

— pali,

— traversi,

— tubi, pajpijiet u profili vojta minn ġewwa, maħdumin biċċa waħda,

— tubi u pajpijiet tal-ħadid jew tal-azzar iwweldjati, bid-dijametru estern li jaqbeż l-406,4 mm.

(37) Skont l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Pollakki, Odlewnia Śrem ma tipproduċi l-ebda minn dawn il-prodotti. Barra minn hekk, ma tipproduċi l-ebda mill-prodotti elenkati fil-Kapitolu 72 taħt it-titolu "Ħadid u azzar", iżda tuża dawn il-prodotti – pereżempju, ħadid mhux maħdum – bħala materjali għall-produzzjoni tagħha.

(38) Din tipproduċi prodotti għall-konsumatur aħħari sofistikati u speċifiċi li jaqgħu taħt it-titolu tal-NM 7325, "Oġġetti oħrajn ikkastjati ta' ħadid jew azzar", u s-sottotitoli rilevanti bħal 7325 10 "- Ta' ħadid fondut mhux-malleabbli" u 7325 99 10 "– Ta' ħadid fondut malleabbli."

(39) L-Anness B għall-kwadru multisettorali ma jikklassifikax lil dawn il-prodotti tal-ħadid u tal-azzar bħala azzar.

(40) Fl-aħħarnett, l-għajnuna għar-ristrutturar li ngħatat lil Odlewnia Śrem mhijiex ipprojbita *prima facie* u l-kompatibilità tat-tali għajnuna għandha tiġi evalwata mill-Kummissjoni skont il-Linji Gwida Komunitarji tal-2004.

Kompetenza tal-Kummissjoni

(41) Minħabba li whud mill-avvenimenti rilevanti għal dan il-każ saru qabel l-adeżjoni tal-Polonja għall-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004, il-Kummissjoni l-ewwel trid tiddetermina jekk hix kompetenti li taġixxi fir-rigward tal-miżuri kkonċernati.

(42) Il-miżuri ta' għajnuna li ngħataw qabel l-adeżjoni u mhumiex applikabbli wara l-adeżjoni ma jistgħux jiġu eżaminati mill-Kummissjoni taħt l-hekk imsejħa proċedura tal-mekkaniżmu intermedja stabbilita fl-Anness IV, punt 3 tat-Trattat tal-Adeżjoni jew taħt il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 88 tat-Trattat KE. La t-Trattat tal-Adeżjoni u lanqas it-Trattat KE ma jeħtieġu jew jawtorizzaw lill-Kummissjoni li tirrevedi dawn il-miżuri.

([1]) ĠU C 70, 19.3.2002, p. 21.
([2]) ĠU C 70, 19.3.2002, p. 8.
([3]) ĠU L 279, 23.10.2001, p. 1.

(43) Mill-banda l-oħra, il-miżuri li daħlu fis-seħħ wara l-adeżjoni jikkostitwixxu għajnuna ġdida u jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Kummissjoni taħt il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 88 tat-Trattat KE. Sabiex jiġi evalwat il-mument meta ċertu miżura tkun daħlet fis-seħħ, il-kriterju rilevanti huwa l-att li jorbot li permezz tiegħu l-awtorità nazzjonali kompetenti timpenja ruħha li tagħti l-għajnuna ([1]).

(44) Il-miżuri ta' għajnuna individwali mhumiex ikkunsidrati bħala applikabbli wara l-adeżjoni jekk l-esponiment ekonomiku preċiż tal-Istat kien magħruf meta ngħatat l-għajnuna.

(45) Fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Polonja, il-Kummissjoni setgħat tidentifika dawk il-miżuri li ngħataw qabel l-adeżjoni u ma baqgħux applikabbli wara. Dawn huma ppreżentati fl-ewwel parti tat-Tabella 1 u jammontaw għal PLN 19,4 miljuni. Ġie stabbilit li l-bqija tal-miżuri ma ngħatawx qabel l-adeżjoni. Għalhekk, miżuri tal-valur ta' PLN 24,2 miljuni ġew kkunsidrati bħala mogħtija wara l-adeżjoni kif spjegat fil-premessa 23 ta' hawn fuq.

GĦAJNUNA MILL-ISTAT SKONT IT-TIFSIRA TAL-ARTIKOLU 87(1) TAT-TRATTAT KE

(46) Skont l-Artikolu 87(1) tat-Trattat KE, kwalunkwe għajnuna mogħtija minn Stat Membru jew permezz tar-riżorsi ta' Stat f'kwalunkwe forma li twassal għal distorsjoni jew thedded li twassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċertu intrapriżi jew il-produzzjoni ta' ċertu oġġetti u taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri mhix kompatibbli mas-suq komuni.

(47) Il-garanzija, self, fondi, tħassir, diferimenti, u arranġamenti notifikati għall-ħlas b'pagamenti parzjali tal-obbligazzjonijiet pubbliċi jinvolvu l-użu tar-riżorsi tal-Istat. Barra minn hekk, dawn jikkonferixxu vantaġġ fuq il-kumpanija billi jnaqqsu l-ispejjeż tagħha. Bħala kumpanija f'diffikultà, Odlewnia Śrem ma kinitx tikseb it-tali finanzjament fuq termini simili fuq is-suq. Bħala konsegwenza dan il-vantaġġ jwassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni.

(48) It-Teżor tal-Istat kien lest li jirrinunzja għad-dħul mit-taxxi u t-tariffi ambjentali dovuti u, permezz tal-provvista ta' sussidji u garanziji, joħloq vantaġġ għall-kumpanija fuq il-kompetituri tagħha. L-ebda evidenza ma kienet teżisti li l-awtoritajiet Pollakki aġixxew bħala kreditur tas-suq u l-eżistenza tal-għajnuna mill-Istat ġiet rikonoxxuta mill-awtoritajiet Pollakki fin-notifika tagħha tal-għajnuna

(49) Il-benefiċjarju huwa attiv fis-suq tal-ħadid fondut u jesporta l-prodotti tiegħu lil Stati Membri oħra tal-UE. Għalhekk il-kriterju li jiġi affettwat il-kummerċ intrakomunitarju ma ntlaħaqx.

(50) Għalhekk il-miżuri li ma ngħatawx qabel l-adeżjoni u jikkostitwixxu għajnuna ġdida ma ġewx ikkunsidrati bħala għajnuna mill-Istat fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 87(1) tat-Trattat KE. Dan mhux qed jiġi kkontestat mill-awtoritajiet Pollakki.

Kompatabilità tal-għajnuna mas-suq komuni: deroga taħt l-Artikolu 87(3) tat-Trattat KE

(51) L-eżenzjonijiet fl-Artikolu 87(2) tat-Trattat KE ma japplikawx għall-każ preżenti. Fil-każ tal-eżenzjonijiet taħt l-Artikolu 87(3) tat-Trattat KE, minħabba li l-għan prinċipali tal-għajnuna huwa li tiġi rkuprata l-vijabbiltà fit-tul tal-intrapriża, l-unika eżenzjoni li tista' tiġi applikata hija l-Artikolu 87(3)(c), li tippermetti l-awtorizzazzjoni tal-għajnuna mill-Istat għall-faċilitazzjoni tal-iżvilupp ta' ċertu attivitajiet ekonomiċi fejn it-tali għajnuna ma taffettwax ħażin il-kondizzjonijiet tal-kummerċ b'mod li tmur kontra l-interess komuni.

Bażi legali applikabbli

(52) Il-Kummissjoni vvalutat il-miżuri li jikkostitwixxu għajnuna ġdida u l-pjan sħiħ tar-ristrutturar skont il-linji gwida tas-salvataġġ u tar-ristrutturar applikabbli. Il-Linji Gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' ditti f'diffikultà ("Linji Gwida tal-2004") daħlu fis-seħħ fl-10 ta' Ottubru 2004.

(53) Kif imsemmi diġà fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tibda l-proċedura ta' investigazzjoni formali, sabiex tevalwa l-kompatibilità tal-għajnuna ġdida għar-ristrutturar, ir-ristrutturar għandha tiġi kkunsidrata fl-intier tagħha. Il-miżuri tal-għajnuna kollha, mhux biss l-għajnuna l-ġdida, għandhom jingħataw konsiderazzjoni sabiex jiġi stabbilit jekk il-pjan għandux jirriżulta fl-irkupru tal-vijabbiltà u jekk l-għajnuna hijiex limitata għall-minimu neċessarju, u għall-kaokolu tal-miżuri kompensatorji xierqa.

Eliġibilità tal-intrapriża

(54) Meta Odlewnia Śrem għamlet profitt nett ta' PLN 3,9 miljuni fl-2005, il-Kummissjoni kellha dubji dwar jekk setgħetx tiġi kkunsidrata bħala "ditta f'diffikultà" fi ħdan it-tifsira tal-Linji Gwida tal-2004, u b'ħekk eliġibbli għall-għajnuna għar-ristrutturar. Dawn id-dubji qamu b'mod partikolari minħabba n-nuqqas ta' informazzjoni dwar il-bidu tal-perjodu tar-ristrutturar. Dan kien ifisser li l-Kummissjoni ma kinitx taf eżattament għal liema perjodu kellha ssir evalwazzjoni tal-eliġibilità. Il-Polonja għamlitha ċara li l-perjodu tar-ristrutturar beda fl-2003 u li l-profitt nett ta' Odlewnia Śrem tal-2005 għandu jiġi kkunsidrat bħala sinjal tal-irkupru tal-vijabbiltà matul ir-ristrutturar.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza fil-Kawża T-109/01 *Fleuren Compost v Commission*, [2004] ECR II-127, paragrafu 74.

(55) Il-Kummissjoni hija sodisfatta li fil-bidu tar-ristrutturar fl-2003 il-kumpanija kienet ditta f'diffikultà fi ħdan it-tifsira tal-punti 9 *et seq.* tal-Linji Gwida tal-2004 u li għalhekk hija eliġibbli għall-għajnuna għar-ristrutturar.

Rkupru tal-vijabbiltà

(56) Il-Linji Gwida tal-2004 jiddikjaraw li "il-pjan ta' ristrutturar, li d-dewmien tiegħu jrid ikun qasir kemm jista' jkun, għandu jgħin fl-irkupru tal-vijabbiltà fit-tul tad-ditta fi żmien raġonevoli u fuq il-bażi ta' suppożizzjonijiet realistiċi dwar il-kondizzjonijiet tal-operat tal-futur. … It-titjib fil-vijabbiltà għandu jkun derivat prinċipalment mill-miżuri interni …".

(57) L-ewwel problema kruċjali ta' Odlewnia Śrem kienet il-livell għoli ta' dejn. Il-Kummissjoni tinnota li r-ristrutturar finanzjarju ġie konkluż.

(58) Il-kumpanija m'għadx għandha problemi ta' likwidità u li l-obbligazzjonijiet tan-negozju kurrenti kollha qed jitħallsu fil-ħin.

(59) Fid-deċiżjoni tagħha li tibda l-proċedura tal-investigazzjoni, il-Kummissjoni qajmet dubji dwar jekk ir-ristrutturar kienitx prinċipalment finanzjarja u jekk l-aspetti tar-ristrutturar industrijali kienux insuffiċjenti. Fil-kummenti tagħhom wara d-deċiżjoni li tibda l-proċedura, l-awtoritajiet Pollakki taw evidenza suffiċjenti li l-modernizzazzjoni tat-tagħmir u riorjentazzjoni tal-produzzjoni ġew indirizzati biżżejjed.

(60) Fid-deċiżjoni tagħha li tibda l-proċedura l-Kummissjoni qajmet dubji dwar il-prospetti li jinstab investitur privat. Madankollu, il-kumpanija rnexxilha tikkonvinċi kumpanija privata tinvesti fiha, li b'hekk żiedet il-kredibilità tagħha fis-suq.

(61) Il-maġġoranza tal-indikaturi tal-analiżi finanzjara urew li l-kumpanija hija f'pożizzjoni aħjar wara r-ristrutturar, minħabba li l-likwidità, is-solvenza u l-profitti tagħha żdiedu.

(62) Fuq il-bażi ta' dawn l-elementi, il-Kummissjoni tikkonkludi li neħħiet id-dubji tagħha dwar jekk il-pjan iwassalx għall-irkupru tal-vijabbiltà.

Evitar ta' distorsjoni eċċessiva tal-kompetizzjoni

(63) Il-Kummissjoni kellha dubji dwar jekk l-għajnuna għar-ristrutturar notifikata kienitx qed tipprovoka distorsjoni tal-kompetizzjoni. Il-Polonja kellha turi li t-tnaqqis ta' 50 % mill-kumpanija fil-produzzjoni tagħha ta' ħadid fondut għall-fitings industrijali u t-twaqqif tal-produzzjoni tagħha ta' ħadid fondut għall-impjanti tal-enerġija mir-riħ kienu miżuri kompensatorji ġenwini u mhux sempliċement ir-riżultat ta' fatturi esterni bħat-tnaqqis fid-domanda jew l-inkapaċità li tikkompeti fis-suq, u li għalhekk ma kienux neċessarji għall-irkupru tal-vijabbiltà.

(64) Kif tat prova l-Polonja, iż-żewġ tipi ta' prodotti joffru prospetti tajbin għall-profitti. Il-Polonja urit ukoll li Odlewnia Śrem għandha l-kapaċità teknika li tipproduċi l-istess volum bħal ta' qabel ir-ristrutturar. Il-Polonja qed timpenja ruħha li tillimita l-produzzjoni ta' Odlewnia Śrem ta' ħadid fondut għall-fitings industrijali sa 50 % tal-produzzjoni oriġinali tagħha u li twaqqaf kompletament il-produzzjoni tagħha ta' ħadid fondut għall-impjanti tal-enerġija mir-riħ. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni hija tal-fehma li dawn il-miżuri jistgħu jitqiesu bħala miżuri kompensatorji, u mhux sempliċement azzjonijiet neċessarji għall-irkupru tal-vijabbiltà tal-kumpanija.

Għajnuna limitata għall-anqas limitu possibbli

(65) L-awtoritajiet Pollakki pprovdew informazzjoni aktar dettaljata dwar l-ammonti meqjusa bħala kontributi tal-benefiċjarju stess għall-ispejjeż tar-ristrutturar.

(66) Il-Kummissjoni mhix obbligata tieħu pożizzjoni fuq jekk l-elementi fil-premessa (31) jistgħux jitqiesu bħala kontribuzzjoni tal-benefiċjarju stess għar-ristrutturar, iżda tikkunsidra li r-riżorsi elenkati fil-premessa (30) jistgħu jitqiesu bħala kontribuzzjoni tiegħu stess.

(67) Bħala konklużjoni, fir-rigward tas-sorsi ta' finanzjament għar-ristrutturar, PLN 23,7 miljuni jistgħu jitqiesu bħala kontribut għar-ristrutturar mir-riżorsi tal-benefiċjarju stess jew mir-riżorsi esterni ħielsa mill-għajnuna mill-Istat. L-ispejjeż totali tar-ristrutturar, inklużi dawk li qamu qabel l-adeżjoni, kienu ta' PLN 43,6 miljuni. Il-kontribuzzjoni ta' Odlewnia Śrem stess għall-ispejjeż ġenerali tar-ristrutturar huwa għalhekk ta' 54 %.

(68) Il-Linji Gwida tal-2004 jistabbilixxu l-livell minimu tal-kontribut tal-benefiċjarju stess għall-ispejjeż tar-ristrutturar għal 50 %. Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li l-kontribuzzjoni tiegħu stess hija sinifikanti u, fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta, l-għajnuna hija llimitata għall-minimu neċessarju.

(69) Barra minn hekk, il-benefiċjarju tal-għajnuna huwa bbażat f'Stalowa Wola, li hija sitwata f'reġuni eliġibbli għall-għajnuna taħt l-Artikolu 87(3)(a) tat-Trattat KE. Dan huwa espressament meqjus bħala fattur addizzjonali favur il-kompatibbiltà tal-għajnuna (ara l-punt 56 tal-Linji Gwida tal-2004).

KONKLUŻJONIJIET

(70) Il-Kummissjoni ssib lill-Polonja ħatja li implimentat illegalment l-għajnuna kkonċernata u b'ħekk kisret l-Artikolu 88(3) tat-Trattat KE. Madankollu, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-għajnuna mill-Istat hija kompatibbli mas-suq komuni,

ADDOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-għajnuna mill-Istat ta' PLN 43,6 miljuni mogħtija lil Odlewnia Śrem mill-Polonja hija kompatibbli mas-suq komuni fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat KE.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Polonja.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Diċembru 2008.

Għall-Kummissjoni

Neelie KROES

Membru tal-Kummissjoni